31992L0079

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/79/KEE
tad-19 ta' Ottubru 1992
dwar l-approssimazzjoni tat-taxxi fuq is-sigaretti

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 ta' l-istess Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku w Soċjali [3],

Billi d-Direttiva 72/464/KEE [4] tistipula dispożizzjonijiet ġenerali li jikkonċernaw it-taxxi tas-sisa fuq tabakk maħdum u dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernw l-istruttura ta' taxxi tas-sisa applikabbli għas-sigaretti;

Billi d-Direttiva 79/32/KEE [5] niżżlet id-defenizzjonijiet tal-gruppi varji ta' tabakk maħdum;

Billi għall-kompletazzjoni fl-1 ta' Jannar 1993 ta' suq intern mingħajr fruntierei hu neċessarju li tiġi mwaqqfa taxxa tas-sisa minima totali għas-sigaretti;

Billi hu neċessarju għar-Renju ta' Spanja li jkollu perjodu transizzjonali ta' sentejn sabiex jilħaq dak il-minimu totali ta' taxxa tas-sisa;

Billi r-Repubblika Portugiża għandha tiġi mogħtija l-possibilta ta' rata mnaqqsa għal sigaretti magħmula minn produtturi li jaħdmu fuq skala żgħira u kkonsmati fir-reġjunijiet l-iżjed imbiegħeda ta' l-Ażores u tal-Madeira;

Billi għandha tiġi ntrodotta proċedura sabiex, fir-rigward tal-inċidenza totali u l-istruttura tat-taxxi tas-sisa fuq is-sigaretti, isir possibbli li kull sentejn isiru l-aġġustamenti neċessarji biex tingħata kunsiderazzjoni tat-tħaddim kif suppost tas-suq intern u l-għanijiet iżjed wiesgħajn tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Mhux iżjed tard mill-ewwel ta' Jannar 1993, L-Istati Membri għandhom japplikaw lis-sigaretti it-taxxi minimi tal-konsum skond ir-regoli li hemm provvediment għalihom f'din id-Direttiva.

2. Il-paragrafu wieħed għandhu jgħodd għat-taxxi li, skond id-Direttiva 72/464/KEE, jiġu ntaxxati fuq sigaretti li jikkonsistu:

(a) f'sisa speċifika għal kull unita tal-prodott;

(b) f'sisa proporzjonata kkalolata fuq il-bażi tal-prezz massimu tal-imnut;

(ċ) f'VAT proporzjonali għall-prezz ta' l-imnut.

Artikolu 2

Mhux iżjed tard minn 1 ta' Jannar 1993, Kull Stat Membru għandu japplika taxxa tas-sisa minima totali (taxxa speċifika flimkien mat-taxxa ad valorem eskluż il-VAT) l-inċidenza ta' liema għandha tiġi ffissata għal 57 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut (inklużi t-taxxi kollha) għal sigaretti tal-kategorija tal-prezz l-iżjed li hemm domanda għaliha.

It-taxxa tas-sisa minima totali fuq is-sigaretti għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' sigaretti tal-kategorijja tal-prezz li l-iżjed hemm domanda għaliha skond informazzjoni stabbilita fl-1 ta' Jannar ta' kull sena, u tibda fl-1 ta' Jannar 1993.

Artikolu 3

1. Ir-Renju ta' Spanja għandu jkollu perjodu transizzjonali ta' sentejn, li jibda fl-1 ta' Jannar 1993, sabiex jilħaq it-taxxa tas-sisa minima totali stipulata fl-Artikolu 2.

2. Ir-Repubblika Portugiża tista tapplika rata mnaqqsa ta' sa 50 % inqas minn dik stipulata fl-Artikolu 2 lill sigaretti kkonsmati fir-reġjunijiet l-iżjed imwarrba tal-Ażores u tal-Madeira, magħmula minn fabbrikanti li jaħdmu fuq skala żgħira li l-produzzjoni annwali tagħhom ma teċċedix il 500 tunellata.

Artikolu 4

Kull sentejn, u għall-ewwel darba mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru, il-Kunsill, fuq bażi ta' rapport u, fejn xieraq, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jeżamina it-taxxa tas-sisa minima totali stipulata fl-Artikolu 2, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2) u l-istruttura ta' taxxi tas-sisa kif iddefenuti fl-Artikolu 10b tad-Direttiva 72/464/KEE u, b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa. Ir-rapport mill-Kummissjoni u l-eżami mill-Kunsill għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni it-tħaddim kif suppost tas-suq intern u l-għanijiet iżjed wiesgħa tat-Trattat.

---

[1] ĠU No C 12, tat-18.1.1990, p. 4.
[2] ĠU No C 94, tat-13.4.1992, p. 35.
[3] ĠU No C 225, ta' l-10.9.1990, p. 56.
[4] ĠU No L 303, tal-31.12.1972, p. 1. Last Emendat bid-Direttiva 92/78/KEE, (Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
[5] ĠU L 10, tas-16.1.1979, p. 8.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex iħarsu lill-din id-Direttiva mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 1992. Dawn għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandha tkun jtinstab fihom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom għandhom isiru dawn ir-riferenzi għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-direttiva qiegħda tiġi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-19 ta' Ottubru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. COPE